# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019

**Kawża Numru: 27**

**Rik. Ġur. 387/2018 RGM**

**John Cauchi (K.I. 101257(M))**

**vs.**

**Geomike Limited (C 8820)**
**u b'digriet tal-4 ta' Ottubru 2018 ġie kjamat in kawża**
**George sive Gino Cauchi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors ġuramentat tar-rikorrent John Cauchi** ppreżentat fis-26 t'April, 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-esponent silef lis-soċjetà konvenuta diversi sommom ta' flus f'aktar minn okkażjoni waħda liema sommom komplessivament jammontaw għal mitejn u tlieta u ħamsin elf disa' mija u sebgħa u disgħin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi (€253,997.44) u dana kif jirriżulta mill-anness rendikont Dok. A.

2. Illi l-maġġor parti ta' dan l-ammont misluf fuq indikat, intuża' mis-soċjetà konvenuta sabiex din tagħmel diversi xogħolijiet fil-fond "*Cote D'Azur Restaurant*" fi Triq Sant' Antnin, Marsaskala li hu proprjetà ta' l-istess soċjetà konvenuta.

3. Illi għalkemm is-soċjetà konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas dan id-debitu tagħha, u dana anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Diċembru 2010 (ittra numru 4810/2010) u oħra datata 5 ta' Novembru 2015 (ittra numru 8691/2015), is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

4. Illi fil-fehema ta' l-esponent, is-soċjetà konvenuta ma jista' jkollha l-ebda difiża kontra dan il-kreditu tiegħu.

<u>RAĠUNI TAT-TALBA</u>

1. Illi l-attur huwa kreditur tas-soċjetà konvenuta tas-somma ta' mitejn u tlieta u ħamsin elf disa' mija u sebgħa u disgħin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi (€253,997.44) liema ammont jirrappreżenta sommom mislufa mill-attur lis-soċjetà konvenuta f'diversi okkażjonijiet;

2. Illi dan il-kreditu ta' l-attur huwa ċert, likwidu u dovut u dana kif jirriżulta mill-anness *affidavit* Dok. B;

3. Illi għalkemm is-soċjetà konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas dan l-ammont din baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

<u>TALBIET</u>

Illi tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) *in vista* tad-dikjarazzjoni ġuramentata annessa Dok. B.

2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tlieta u ħamsin elf disa' mija u sebgħa u disgħin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi (€253,997.44) dovuta kif fuq intqal.

   Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 6 ta' Diċembru 2010 (ittra numru 4810/2010) u dik datata 5 ta' Novembru 2015 (ittra numru 8691/2015), u bl-imgħaxjiet kummerċjali skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' George Cauchi in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta Geomike Limited** ippreżentata fit-13 ta' Ġunju, 2018 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament ghandhu jigi ordnat l-allegat kopja tal-atti fil-kawza fl-ismijiet **John Cauchi vs George sive gino Cauchi u Geomike Limited**, Rikors Guramentat bin-numru 716/2010 JPG.

2. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez *stante* illi l-attur ma ghandu jiehu l-ebda ammont peress illi l-ammont pretiz gie saldat kontra ishma fis-Socjeta` kummercjali **Geomike** in segwitu ghat-talba quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **John Cauchi (K.I. 101257M) vs. George sive Gino Cauchi (K.I. 198059M) u Geomike Limited (C8820)** ghal kull interess li jista' jkollha permezz ta' Rikors Guramentat bin-numru 716/2010.

3. Illi *stante* il-fatt illi kull ammont gie mghoddi lil George *sive* Gino Cauchi, ghandu jigi kjamat fil-kawza l-istess George sive Gino Cauchi.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandhu jindika b'mod car u mhux ekwivoku liema hu l-ammont li qed jallega li silef lis-Socjeta` intimata.

5. Illi *oltre* l-fatt illi kull ammont pretiz mir-rikorrenti gie saldat billi l-attur akkwista nofs l-ishma fis-Socjeta` intimata kif gie indikat kull ammont *stante* illi kien ta' natura personali ghal kjamat fil-kawza huma preskritti *a tenur* tal-Artikolu 1471 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat illi l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ġiet akkolta mill-Qorti fl-4 t'Ottubru 2018 b'dan għalhekk ġie allegat l-atti tal-kawża 716/2010 JPG deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Marzu 2016[1];

Rat illi t-tielet eċċezzjoni ukoll ġiet milqugħa seduta stante mill-Qorti fl-4 t'Ottubru 2018 u għalhekk ġie kjamat in kawża George sive Gino Cauchi. Waqt din l-istess seduta ġie dikjarat mil-legali tas-soċjetà konvenuta li hija ser tkun qed tippatroċinja wkoll lil kjamati in kawża u ddikjarat illi George Cauchi qiegħed jagħmel tiegħu l-eċċezzjonijiet mressqa mis-soċjetà konvenuta.[2]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fid-19 ta' Frar 2019[3], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tal-kjamat in kawża li ġiet ippreżentata fid-29 ta' Marzu 2019[4];

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

[1] Paġna 12 tal-proċess.
[2] Paġna 13 tal-proċess.
[3] Paġna 131 tal-proċess.
[4] Paġna 137 tal-proċess.

**L-Azzjoni Attriċi.**

Fl-10 ta' Marzu 2016 din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **John Cauchi vs. George Cauchi et** (Rik Ġur Nru 716/2010JPG) iddeċidiet li John Cauchi huwa proprjetarju ta' nofs l-azzjonijiet fil-kumpanija Geomike Ltd u dan fuq diversi konsiderazzjonijiet fosthom fuq il-fatt li "jinsab assolutament provat illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim illi jsiru shab fin-negozju u kien ghalhekk illi r-rikorrent hallas xi djun tal-intimat, dahal bhala garanti sabiex is-socjeta Geomike tinghata *loan* mill-bank, u zborsa ammonti konsiderevoli ta' flus mill-kont personali tieghu a favur tar-restaurant Cote d'Azur".[5] Din is-sentenza hija llum *res judicata.*

L-azzjoni odjerna ġiet intavolata b'talba sabiex jiġi deċiż li r-rikorrent għamel diversi ħlasijiet minn butu sabiex ikunu jistgħu jsiru xogħlijiet ġewwa r-restorant Cote d'Azur, Marsascala. Skont ir-rikorrent l-ammont li huwa żborsa b'mod komplessiv huwa ta' mitejn tlieta u ħamsin elf, disgħa mija u sebgħa u disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€253,997.44)

Fl-affidavit tiegħu **l-attur John Cauchi**[6] jispjega li dawn il-flus reklamati permezz tal-kawża odjerna ma għandhom x'jaqsmu xejn max-xiri tal-ishma tal-kumpanija Geomike Ltd; isostni li l-flus imselfa intużaw minn Geomike Ltd in konnessjoni mar-*refurbishment* tal-fond fuq imsemmi. Jispjega li l-ħlasijiet kienu qegħdin isiru mill-kontijiet bankarji tiegħu personali peress li "Geomike ma kellhiex fondi minn fejn tħallas lil dawn il-kredituri". Kien għalhekk li bħala soċju tal-kumpanija huwa kellu interess li jitħallsu l-kredituri. Ir-rikorrent jagħmel elenku tal-flejjes li huwa ħallas lill-kredituri tal-kumpanija konvenuta:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | €1,075.01 | Ħlas ta' multi tal-awtorità konċernata mill-ippjanar | *Cheque* |

[5] Paġna 31 tal-imsemmija sentenza; paġna 51 tal-proċess.
[6] Paġna 15 tal-proċess et seq.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | €93,174.94 | Pagamenti lil BOV sabiex ma jitkomplewx proċeduri kontra Geomike Ltd in konnessjoni ma faċilitajiet bankarji li kienet waqfet tħallas | *Bank Transfer* |
| | €6,988.12 | Ħlas lil Arredando Bathrooms għal madum (ħlas sar bi flus kontanti) | |
| | €9,317.49 | Ħlas lil Salvu Busuttil għal xogħol ta' skavar ((ħlas sar bi flus kontanti) | Affidavit ta' Salvu Busuttil |
| | €2,329.37 | Ħlas lill-awtorità responsabbli mil-ippjanar għal ħruġ ta' permessi għar-refurbishment tar-restorant | *Cheque* |
| | €16,197.92 | Diversi ħlasijiet għal stock u xogħlijiet | |
| | €80,681.31 | Ħlas ta' fornituri u xogħlijiet | Lista li t-total tagħha huwa ta' €71,478.42 |
| | €2,000 | Ħlas lil Chris Borg għal xogħol ta' *sound system* | Affidavit |
| | €3,975.56 | Ħlas lil VCT in konnessjoni ma xiri ta' *light fittings* u aċċessorji oħra | *Cheque* ta' €1,22.90; kumplament ġie mħallas bi flus kontanti |
| | €3,500 | Ħlas lil George Meli għal xogħol ta' twaħħil tal-madum | Affidavit ta' George Meli li jgħid li l-ħlas kien ta' €4,500 |
| | €3,900 | Ħlas lil Raymond Galea għal diversi xogħlijiet bħal tikħil, twaħħil ta' katusi, tindif ta' bir, etc | Affidavit ta' Raymond Galea |
| | €1,200 | Ħlas lil Raymond Mifsud għal tqiegħed ta' irħam | Affidavit ta' Raymond Mifsud |
| | €5,973.15 | Trasferiment mill-kont personali tiegħu għal ta' Geomike Ltd sabiex jitħallas Jason is-Sirjan għal xogħol ta' graffjato fuq il-faċċata | *Cheque* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | €750 | Pagament lil NeoGlow għat-tabella tar-restorant, pagament tramite d-designer Carmel Spiteri | Affidavit ta' Carmel Spiteri |
| | €800 | Ħlas lil Wizard Computer għal computer, printer u aċċessorji oħra li ġew installati fl-uffiċċju tar-restorant | Fattura |
| | €118.99 | Ħlas lil Alex Mercieca Bathrooms għal materjal | *Bank statement* |
| | €3,500 | Ħlas lil Edward Micallef għal xogħlijiet ta' elettriku | Affidavit ta' Edward Micallef |
| | €247.18 | Ħlas lil Alex Mercieca Bathrooms għal materjal | *Bank statement* |
| | €1,532.48 | Pagament ta' kontijiet tal-mobile ta' George Cauchi | Lista tal-kontijiet |
| | €12,686.18 | Ħlas lil Bank of Ireland sabiex jitħallsu diversi nies, bħal pagi tal-impjegati tar-restorant, stock, etc | |
| | €2,540 | Ħlas tal-forn tal-pizza | *Bank statement* |
| | €187 | Ħlas lil MF Electrix għall-aċċessorji ta' elettriku u *down lights* | *Bank statement* |
| | €69 | Ħlas ta' *light fittings* mixtrija minn għand Light & Design | *Bank statement* |
| | €167.98 | Ħlas lil MCE | *Bank statement* |
| | €85.76 | Pavi Hardware Store għal xiri ta' oġġetti | Irċevuta |

Diversi kienu l-affidavits li ġew ippreżentati mir-rikorrent oltre l-affidavit tiegħu u dawn huma s-segwenti:

i. **Salvu Busuttil**[7] jgħid li huwa għamel xogħol ta' tħaffir tal-*basement* ġewwa l-fond Cote d'Azur, Marsascala bejn Ottubru u Novembru 2005. Huwa xhed li John Cauchi kien dejjem iħallsu bi flus kontanti. Jikkonferma li huwa tħallas minn John Cauchi għan-nom tas-soċjetà Geomike Ltd fis-somma ta' €9,317.40;

ii. **Christopher Borg**[8] xhed li għamel xogħol relatat ma' installazzjoni ta' *data network* u *sound system* fil-fond Cote d'Azur, Marsascala fis-sena 2009. Huwa jikkonferma wkoll li kien tħallas mingħand John Cauchi s-somma ta' €2,000;

iii. **George Meli**[9] xhed li fis-sena 2009 kien għamel xogħol ta' tqegħid ta' madum ġewwa Cote d'Azur u li kien jitħallas b'mod regolari minn John Cauchi biss mill-kont personali tiegħu fis-somma ta' €4,500 liema somma kienet tinkludi materjal u pagi;

iv. **Raymond Galea**[10] xhed li rċieva l-ammont ta' €3,900 m'għand John Cauchi għal xogħlijiet li għamel ġewwa Cote d'Azur, Marsascala. Espliċitament jgħid li huwa ma tħallasx "minghand huh George Cauchi";

v. **Raymond Mifsud**[11] jgħid li huwa kien inkarigat mis-soċjetà konvenuta sabiex jinstalla madum fil-fond tagħha ġewwa Marsascala u dan fis-sena 2009. Jgħid ukoll li huwa tħallas is-somma ta' €1,200 minn John Cauchi;

vi. **Carmelo Spiteri**[12] ikkonferma li fit-18 ta' Novembru 2009 kien irċieva l-ammont ta' €750 m'għand John Cauchi sabiex jgħaddilhom lil NeonGlow liema somma huwa jgħid li għaddieha lid-Direttur Manuel Farrugia fl-istess ġurnata. Jikkonferma wkoll li dan kien ħallsu John Cauchi mill-kont personali tiegħu;

vii. **Edward Micallef**[13] jgħid li fis-sena 2009 huwa ħadem fil-fond Cote d'Azur, Marsascala fejn għamel xogħol ta' elettriku u li tħallas bi flus kontanti fis-somma ta' €3,500 mingħand l-attur John Cauchi.

Il-Qorti tosserva li la l-attur u lanqas l-ebda wieħed minn dawn ix-xhieda imressqa mill-attur ma' ġew imħarrka mis-soċjeta' konvenuta jew mill-kjamat in kawża sabiex jixhdu in kontro-eżami.

---

[7] Paġna 69 tal-proċess.
[8] Paġna 78 tal-proċess.
[9] Paġna 80 tal-proċess.
[10] Paġna 81 tal-proċess.
[11] Paġna 82 tal-proċess.
[12] Paġna 85 tal-proċess.
[13] Paġna 88 tal-proċess.

Fl-affidavit tiegħu **il-kjamat in kawża George Cauchi**[14] jispjega li huwa *sole director* fi ħdan Geomike Ltd u ilu hekk mis-sena 1987. Huwa jgħid li beda jopera restorant ġewwa Marsascala bl-isem ta' Cote d'Azur fis-sena 1987 u wara 10 snin għalqu sabiex isir xi manutenzjoni. Nelfrattemp kien għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni minn ma' martu u kien f'dan il-mument li avviċinah John Cauchi li offrielu jagħmlu *refurbishment* iżda George Cauchi informah li ma kienx jaffordjah u ma xtaqx jidħol f'dejn ġdid. Ix-xhud jgħid li John Cauchi offrielu jagħmillu *refurbishment* huwa fejn iħallas l-ispejjeż tas-separazzjoni li kienu jammontaw għal Lm70,000 – Lm50,000 lil mara u Lm10,000 lit-tfal iżda jgħid li minn dan xejn ma tħallas. Fl-istess nifs iżda jgħid li wara li ottjena s-separazzjoni John Cauchi ħallas Lm50,000 lil ex-mara ta' George Cauchi iżda l-kumplament ma tħallsux. Skontu r-*refurbishment* beda skont kif kien miftiehem ma' John Cauchi u wara li x-xogħol beda ħuh kien informah "li ser tkun problema sabiex jottjeni l-ħlas għaliex l-arranġament tal-fond kien għadu mhux konkluż u ssugerixxili li nagħmlu *loan* ma' bank u nbiegħu d-dar" li kellu Ħal Tarxien. Id-dar inbiegħet għal Lm130,000, li minnhom Lm30,000 żammhom ix-xerrej bħala ħlas għal xogħol li kien ser jagħmel ġewwa r-restorant ta' Marsascala; Lm40,000 marru fuq loan antika ma' Bank of Valletta u Lm60,000 marru b'*cheque* fil-kont ta' John Cauchi.

Ix-xhud jgħid fl-affidavit li kienu ttieħdu żewġ *loans* b'total ta' €370,000 mill-Bank of Valletta u dan sabiex ikun jista' jitkompla r-*refurbishment*. Jgħid li meta ġew biex jixtru l-*unit* tal-arja kundizzjonata u affarijiet oħra, John Cauchi iddikjara illi l-*loan* kienet spiċċat u magħhom spiċċaw €140,000 illi ħareġ hu. John Cauchi baqa' jiftiehem man-nies u x-xogħol baqa' għaddej normali u George Cauchi beda jopera. Ix-xhud jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet ACMA-Inox and Metal vs. George Cauchi et fejn fiha kien ġie kkonfermat minn Tonio Friggieri li kif waslu f'nofs ix-xogħlijiet John kien informahom li l-pagamenti sejrin isiru f'Jannar. George Cauchi jgħid li r-refurbishment kien jieħu ħsiebu John Cauchi. George Cauchi jgħid li meta x-xogħol tkompla jirriżulta li kien fadal bilanċ ta' €233,099.44 x'jitħallsu u fejn il-kuntratturi u l-ħaddiema d-dejqu jistennew snin sħaħ u bdew jiftħu l-kawżi. Huwa ddikjara li wara li bdew joperaw in-nies bdew

[14] Paġna 97 tal-proċess.

imorru għandu sabiex jitħallsu tax-xogħol li kienu għamlu. Jgħid li huwa beda jħallashom skond kemm ikun jista'. Jgħid li ħallas lil bennej Curmi, Creations Ltd (tal-banjijiet), Cortis Woodworks, SRAM u oħrajn u dawn jgħid li ħallashom kollha minn butu.

George Cauchi xhed li meta ra li l-flus li kien wegħdu l-attur baqgħu qatt ma waslu huwa keċċieh u qallu biex ma jersaqx lejn il-ħanut qabel iġib il-flus. Jgħid ukoll li hekk kif keċċieh ħuh beda jiftaħ il-kawżi u jiddikjara li għandu jieħu diversi ammonti. Fost dawn il-kawżi jsemmi John Cauchi vs. George Cauchi (Ċit Nru 1145/2010/1AJM) fejn John Cauchi talab illi jakkwista nofs l-azzjonijiet tal-kumpanija Geomike kif ukoll jidħol bi sħab. Jgħid ukoll li r-restorant kien ġie stmat mill-perit fis-somma ta' miljun lira Maltin.

Il-kjamat in kawża jinsisti li fil-kawża preċedenti l-attur kien talab Lm40,000 u dik l-Qorti kienet laqatlu t-talba u tathomlu bħala *shares* fl-istess kumpanija. Ikompli jispjega li "ma setgha qatt kien il-kas illi ħija jidhol bhala shareholder mieghi meta l-valur tieghi kien ta miljun u mija u tletin elf lira maltin u hija kulma hareg kien l-ammont kumplessiv ta' Lm90,000"[15]. Jikkonkludi l-affidavit tiegħu billi qal li ħuh kien qiegħed jitlob l-istess ammont li ġie allokat lilu permezz tas-sentenza u għalhekk il-pretensjonijiet tiegħu ġa ġew allokati permezz ta' dik l-istess sentenza.

Fis-16 ta' Jannar 2019 **il-kjamat in kawża xhed in kontro-eżami.** Jgħid li ħuh kien avviċinah sabiex jixtri l-ishma tal-ex-mara tiegħu, jgħid iżda li l-ftehim kien Lm50,000 tal-mara plus l-ispejjeż tal-avukat u wara jitħallsu t-tfal Lm5,000 kull wieħed meta jagħlqu 18-il sena u Lm5,000 kull wieħed meta jagħlqu 21 sena fejn b'kollox għalhekk jiġi Lm70,000. Meta mistoqsi li l-istorja tal-Lm10,000 lit-tfal kien ivvintaha f'nofs il-kawża l-oħra, George Cauchi jgħid li dak li kien qiegħed jgħid huwa l-verità. Meta mistoqsi jekk appellax mis-sentenza, ikkonferma li ma sarx appell. Meta mistoqsi li "il-Qorti qaltlek li dan tal-10,000 tat-tfal ma hu minnu xejn, ma għandu x'jaqsam xejn mar-xiri?" huwa irrisponda li ma jafx.[16]

[15] Paġna 98 tal-proċess.
[16] Paġna 130C tal-proċess.

Meta ġie mistoqsi dwar il-bejgħ tad-dar ta' Ħal Tarxien, George Cauchi spjega li l-għan kien li titwaqqa' u jinbnew appartamenti u minnhom ibiegħu wieħed sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw il-kumplament tal-kostruzzjoni. George Cauchi ikkonferma li l-permessi tal-MEPA kien ħallashom John Cauchi. Meta mistoqsi fuq ir-rifjut li jingħata *loan* fuq id-dar huwa għal bidu jiċħad li qatt mar il-bank sabiex isaqsi għal-loan fuq id-dar, iżda li marru għal-*loan* fuq ir-restorant. Iżda imbagħad jispjega wkoll li huwa u ħuh John Cauchi marru l-bank iżda ma kienx qiegħed jagħti *loans* fuq *residential constructions* u mhux għax huma kellhom problemi finanzjarji. Però jibqa' jgħid li qatt ma marru għal *loan* tad-dar. Spjega li kienu ftehmu ma' kuntrattur li jibniha u jagħmel *part-exchange* ma' appartament. Din id-dar kienet tifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u għalhekk meta kiseb nofs l-ishma ħuh kien sar propjetarju ta' nofs dik il-proprjetà. Gara li bil-bejgħ ta' dan il-fond, l-aħwa setgħu jaqtgħu mid-dejn antik li kellu George Cauchi mal-bank, fejn minn Lm130,000, Lm30,000 (tletin elf liri Maltin) minnhom żammhom ix-xerrej għal xogħlijiet li kien ser jagħmel ġewwa r-restorant, kien għalhekk li kien fadal mitt elf Lira Maltin li minnhom erbgħin elf marru sabiex iħallas sehmu mil-*loan* antik li kien hemm mal-Bank of Valletta u r-rimanenti sittin elf ġew depożitati fil-kont ta' John Cauchi u dan għaliex George Cauchi dak iż-żmien ma kellux kont bankarju.

Spjega wkoll li John Cauchi kien ħareġ Lm7,000 bħala depożitu għall-*units* tal-arja kundizzjonata. Inoltre jispjega wkoll li l-€140,000 li jirreferi għalihom fl-affidavit huma r-rimanenti Lm60,000 mil-bejgħ tal-proprjetà. Fir-rigward ta' ħlasijiet li saru minn butu, George Cauchi jispjega li b'dan huwa ried ifisser li peress li ma kienx qiegħed jieħu paga u dejjem iħallas lin-nies dawn naqsu minn butu. Xhed illi l-ħlasijiet kienu qegħdin isiru mill-qliegħ tal-kumpanija. Rigwardanti l-ġbir ta' Lm40,000 imsemmija fl-affidavit, George Cauchi jispjega li dawn kienu diġà intalbu fil-kawża tax-*shares*.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Is-soċjetà konvenuta u l-kjamat in kawża m'humiex qegħdin jissuġġerixxu li din l-azzjoni hija waħda ta' *shareholder loan* u din il-Qorti temmen li m'huwiex fil-

fatt *shareholder loan* stante li fil-mument li kien sar dan is-self (bejn l-2005 u l-2009) l-attur kien għadu m'huwiex rikonoxxut bħala azzjonist. Nonostante li ħadd mill-kontendenti ma ppreżenta l-att neċessarju għat-trasferiment f'isem ir-rikorrent ta' nofs l-ishma tas-soċjetà Geomike Ltd skont kif kien ġie ordnat mill-Qorti fl-10 ta' Marzu 2016, u invista tal-fatt li dik is-sentenza llum hija res judicata, il-Qorti ser tikkonsidra illi bis-sahha tal-imsemmija sentenza l-attur għandu jitqies li huwa azzjonist tas-soċjeta' konvenuta b'effett mill-jum li fih dik is-sentenza ġiet moqrija.

Anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, ir-rikorrent jiġi kkunsidrat bħala azzjonist mill-2005, għalkemm kif diġà ingħad dan ma kienx il-każ, huwa xorta jibqagħlu l-jedd li jiftaħ azzjoni kontra l-kumpanija. Ir-rikonoxximent tad-dritt personali tal-azzjonist għall-azzjoni kontra kumpanija ġiet sanċita mill-Qrati tagħna fis-sentenza **Michael J. Falla v John H. Sorotos** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu 1976. F'dak il-każ, il-Qorti irriteniet li l-azzjonist jista' jfittex il-kumpanija meta l-każ *"appears to entail a direct personal prejudice to the plaintiff distinct from the company itself."*[17]

Ikkunsidrat

Id-difiża ewlenija tas-soċjeta' konvenuta u tal-kjamat in kawża hi li r-rikorrent diġà tħallas meta ingħata ishma fis-soċjetà konvenuta u dan 'in segwietu ghat-talba quddiem din l-Qorti [...] fil-kawza fl-ismijiet ***John Cauhi vs. George sive Gino Cauchi u Geomike Limited'***[18]**.** Minn qari akkurat tal-imsemmija sentenza, għalkemm uħud mill-ispejjeż li għamel ir-rikorrent jissemmew f'dik is-sentenza, jirriżulta li l-għan ta' dik l-azzjoni ma kienx sabiex jiġbor il-flus li huwa kien ħallas minn butu iżda sabiex jiġi rikonoxxut bħala azzjonista wara li kien ħallas is-somma ta' Lm50,000 lil ex-mara tal-kjamat in kawża wara li dan tal-aħħar kien qiegħed fi proċeduri ta' separazzjoni u ried li jinqasam il-komunjoni tal-akkwisti. Jingħad hekk f'dik is-sentenza:

[17] Ara **Oreste Cilia vs. Cillia Products Ltd** (Ċit Nru 1097/2006 LSO) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Marzu 2018 (pendenti appell); **Martin Bonello Cole vs. Kenneth Cole** (Ċit Nru 214/93) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t'Ottubru 2001.

[18] Tieni eċċezzjoni tar-risposta ġuramentata, paġna 10 tal-proċess.

**“il-Qorti hija tal-fehma illi l-intimat u s-socjeta intimata huma obbligati li jaghmlu dak kollhu li hu rikjest ai termini tal-ligi sabiex jigu rregistrati fuq isem ir-rikorrent nofs l-ishma tas-socjeta Geomika, u cioe l-ishma li kienu jifformaw parti minn sehem mart l-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti, sabiex dawn jghaddu formalment f'isem ir-rikorrent u jigu debitament registrati f'ismu bhala l-veru proprjetarju taghhom.”[19]**

In oltre, fil-lista annessa mal-affidavit tar-rikorrent m’hemm l-ebda referenza għal Lm50,000 (ekwivalenti għal €116.279.06) li r-rikorrent għadda sabiex xtara s-sehem tal-ex-mara tal-kjamat in kawża. Għalhekk, kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenuta u l-kjamat in kawża, dik is-somma ma tiffformax parti mill-mertu tal-kawza odjerna.

Il-Qorti tosserva wkoll li ma hemmx sinkronija bejn dak li ingħad mill-kjamat in kawża fl-affidavit tiegħu u dak li intqal fin-nota t’osservazzjonijiet. Filwaqt li fl-affidavit tiegħu il-kjamat in kawża George Cauchi jgħid li huwa kien għadda r-rimanenti Lm60,000 (ekwivalenti għal kważi €140,000) mill-bejgħ tal-fond ta’ Ħal Tarxien lil ħuh John Cauchi għaliex huwa ma kellux kont u li bihom sussegwentement kien ħallas uħud mill-kuntratturi, fin-nota finali taħt il-kappa ‘Retroxena’ jgħid li l-ammont ta’ Lm60,000 “ġie mghoddi lill-attur sabiex b’hekk il-flus kollha li kien ghadda lil konvenut b’self sabiex giet maghluqa il-vertenza minn ma martu gie mhallas kollu ghas-saldu”[20] Biex tkompli żżid ma’ din il-konfużjoni u kontraddizzjoni, il-kjamat in kawża jgħid in kontro-eżami, li max-xiri tas-sehem tal-ex-mara tiegħu John Cauchi akkwista wkoll nofs il-fond li kien jinsab ġewwa Ħal Tarxien:

"Dr. Carlo Vigna: L-ammont li nbieghet id-dar kien ta mija u tletin elf lira maltin li minnhom 30 zammhom ix-xerrej biex jaghmilhom xogholijiet fir-restaurant, 40 elf minnhom marru fuq bov fuq loan antika u 60 elf marru b’cekk indirizzat li gie

[19] Paġni 37 u 38 tas-sentenza John Cauchi vs. George sive Gino Cauchi u Geomike Limited (Ċit Nru 716/2010 JPG).
[20] Paġna 139 tal-proċess.

ddepozitat fil-kont ta' John. Mela naqblu li d-dar kienet parti mill-komunjoni tal-akkwisti?

George Cauchi: Iva

Dr. Carlo Vigna: Mela allura bix-xiri ta' John, nofsha kienet ta' John saret, naqblu?

George Cauchi: Hekk jigi.[21]"

Jekk dan huwa minnu jfisser li Lm65,000 minnhom huma is-sehem ta' John Cauchi mill-bejgħ ta' din id-dar.

Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża ***John Cauchi vs. George sive Gino Cauchi u Geomike Limited*** (Ċit Nru 716/2010 JPG): "Lanqas ma huwa verosimili l-argument tal-intimat illi l-ammont allegament mislufa lilu mir-rikorrent gew mhallsa lura, l-ewwel nett ghaliex is-somma ta' Lm60,000 illi huwa ghadda lir-rikorrent ghaddielu bl-intiza illi din tintuza ghar-*renovation* tal-restaurant, u anke ghaliex din is-somma ma tkoprix l-ammont kollha li gie provat li zborsa rrikorrent." Għalhekk it-tentattiv ta' George Cauchi li jallega li Lm60,000 intużaw sabiex jitħallas lura r-rikorrent huwa wieħed infondat."

Il-kjamat in kawża wkoll jisħaqq li l-attur kellu jħallas Lm20,000 lit-tfal tiegħu u ċioe Lm5,000 kull wieħed meta jagħlqu 18-il sena u Lm5,000 oħra meta jagħlqu l-21 sena. Din il-Qorti tinnota li din il-kwistjoni diġa ġiet trattata u kkunsidrata minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża John Cauchi vs. George sive Gino Cauchi u Geomike Limited (Ċit Nru 716/2010 JPG) u għalhekk sejra tirriproduċi dak li intqal f'dik is-sentenza:

"Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-intimat illi r-rikorrent ma hallasx l-ammont kollhu rapprezentanti l-komunjoni tal-akkwisti, peress li ma hallasx is-somma ta'

[21] Paġna 130FF tal-proċess.

Lm20,000 li kienet miftiehma fuq il-kuntratt ta' separazzjoni bhala manteniment pre-likwidat ghall-ulied l-intimat, il-Qorti tqis illi din hija infondata ghaliex dawk l-ghoxrin elf lira ma kienux parti minn sehem mart l-intimat mill-komunjoni tal-akkwisti izda manteniment ghal ulieda, **u ghalhekk hija kwistjoni ghal kollox separata**. Ma jidhirx illi kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet illi r-rikorrent sahansitra jaghmel tajjeb ghal obbligi personali ta' missier assunti mill-intimat versu uliedu."[22]

Jekk il-kjamat in kawża ma qabilx ma' din il-konsiderazzjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza surreferita, huwa kellu kull opportunità sabiex jikkontestaha b'appell. Dik is-sentenza pero' ma ġietx appellata.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom is-soċjeta' konvenuta u l-kjamat in kawża jagħmlu referenzaa għall-**Atikolu 1124A tal-Kap 16** u jissottomettu: "Illi f'dan ir-rigward jigi indikat illi fl-ebda hin ma jirrizulta li l-attur iggestixxa jew ghamel uzu mill-fond Cote D'Azzur bhala tieghu jew ghamel uzu mill-istess proprjeta' jew taghrif li kien proprjeta' tal-konvenut la ghal beneficcju tieghu u lanqas ta' haddiehor. Ghal kuntrarju, kull ma ghamel ghamlu f'isem u ghal beneficcju jew tas-Sojceta' Geomike Limited jew ghal istess huh konvenut pero' qatt ghalih innifsu ad eskluzzjoni ta' kulhadd." Il-Qorti tikkonsidra tali sottomissjoni bħala li aktar issaħħah it-teżi tal-attur milli dik tal-partijiet imħarrka.

Is-soċjeta' konvenuta u l-kjamat in kawża eċċepew fil-ħames eċċezzjoni tagħhom illi:

"Illi *oltre* l-fatt illi kull ammont pretiz mir-rikorrenti gie saldat billi l-attur akkwista nofs l-ishma fis-Socjeta` intimata kif gie indikat kull ammont *stante* illi kien ta' natura personali ghal kjamat fil-kawza huma preskritti *a tenur* tal-Artikolu 1471 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta."

[22] Paġna 33 tas-sentenza John Cauchi vs. George sive Gino Cauchi u Geomike Limited (Ċit Nru 716/2010 JPG)

L-**Artikolu 1471 tal-Kap. 16** jipprovdi li:

"Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent."

Nonostante li tresqet din l-eċċezzjoni, is-soċjetà konvenuta u l-kjamat in kawża naqsu milli jispjegaw ir-relevanza u l-applikabbilità ta' dan l-artikolu fil-kawża odjerna. Kull eċċezzjoni mressqa għandha tkun sostanzjata mill-parti li tressaqha, in-nuqqas li jsir dan ma jħalli l-ebda triq oħra għall-Qorti għajr li tiċħad l-eċċezzjoni.

Il-Qorti tosserva li filwaqt li l-attur indika s-somma ta' €80,681.31 għal xogħlijiet u fornituri, il-lista elenkata bħala prova ta' dawn il-ħlasijiet relativi għal xogħolijiet u fornituri tindika s-somma ta' €71,478.42 u għalhekk il-Qorti sejra timxi ma' din l-aħħar ċifra. B'dan għalhekk li l-ammont globali dovut lill-attur huwa ta' mitejn erbgħa u erbgħin elf, sebgħa mija u erbgħa u sebgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€244,774.55).

Finalment, nonostante li ġie kjamati in kawża George Cauchi fuq talba tas-soċjeta konvenuta, mill-atti u l-provi mressqa jirriżulta li l-ammonti ta' flus ġew mgħoddija lill-kuntratturi, bejjiegħa u fornituri mill-attur f'isem u fl-interess tas-soċjetà konvenuta Geomike Ltd għal xogħlijiet li saru ġewwa Cote d'Azur, Marsascala u mhux għan-nom u fl-interess tal-kjamat in kawża u għal din ir-raġuni l-kjamat in kawża qiegħed jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bħala li mhux il-leġittimu kontradittur.

Dwar il-kap tal-ispejjeż il-Qorti ser tapplika r-regola li l-parti sokkombenti għandha tbati l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tal-kjamat in kawza għar-raġunijiet fuq mogħtija,

1. Tiddikjara l-mertu tal-ewwel talba eżawrit bid-digriet tal-24 ta' Mejju 2018.

2. Tiddikjara li l-kjamat in kawża ma hux il-leġittimu kontradittur u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. Tilqa' parzjalment it-tieni talba attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn erbgħa u erbgħin elf, seba' mija u erbgħa u sebgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€244,774.55).

4. Bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Diċembru 2010 (ittra numru 4810/2010) sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**